MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 32/2006

**Avukat Dottor David Tonna ID 659956M f' ismu proprju u f'isem Emanuel Tonna, Victoria Tonna, Maria Dolores Falzon, Antonia Tonna, Anna Marie Tonna, Emmanuele Tonna, Vincent Tonna, Rina Tonna, Alex Tonna, Corinne Cauchi, u Vivienne Galea Debono, Alfred Tonna, Brian Tonna u Doreen Muscat ilkoll f'isimhom proprju u ghan-nom tad-ditta Tonna and Diacono, Martin Diacono f'ismu proprju u f' isem l-assenti Saveria Lather u l-assenti Maria Concetta sive Rhoda Wiles, Anthony Marecel Diacono, Margherita Paolina Briffa, Victor Anthony Diacono, Salvatore sive Silvio Distefano, Rose Vassallo, Victor Distefano, Bernarda Cuschieri, Paul Distefano, Josephine Persiano, ilkoll bhala eredi tal-mejjet Guze Dianono LP.**

**vs.**

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tar-rikorrenti propio et nomine et fejn gie premess:-

1. Illi l-esponenti huma ko-proprjetarji tas-sit konsistenti f’porzjon art illi tinsab wara l-gibjun go Triq il-Wied, Imsida, taht titolu ta’ enfitewsi perpetwa kif jirrizulta mill-kuntratt tad-9 ta’ Novembru, 1962, fl-atti tan-Nutar Dottor Vincenzo Maria Pellegrini;

2. Illi permezz ta’ dikjarazzjonijiet maghmula mill-Agent Gvernatur Generali u l-President tar-Repubblika ta’ Malta rispettivament datati 8 ta’ Ottubru, 1974 u 2 ta’ Lulju 1975, bis-sahha ta’ l-Artikolu 3 ta’ l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta), kien gie ddikjarat illi l-art imsemmija kienet mehtiega mill-awtorita’ kompetenti ghal skop pubbliku skond id-disposizizzjonijiet ta’ l-istess Ordinanza;

3. Illi ghar-rigward ta’ din l-art il-Kummissarju intimat ghadu ma harigx avviz ta’ ftehim skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta, minkejja li ghaddew iktar minn tletin sena mid-dikjarazzjonijiet imsemmija hawn fuq;

4. Illi fil-kuntest tas-suespost, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza minn dakinhar li nhargu d-dikjarazzjonijiet maghmula mill-Agent Gvernatur Generali u l-President tar-Repubblika ta’ Malta rispettivament datati 8 ta’ Ottubru, 1974 u 2 ta’ Lulju 1975, l-esponenti qatt ma kellhom il-pussess tal-art in kwistjoni, liema pussess ghadda f’idejn il-Gvern ta’ Malta li minn zmien ghal zmien uza wkoll partijiet mill-istess art, u dana minkejja l-fatt li kif diga’ inghad il-Kummissarju intimat ma harigx avviz ta’ ftehim jew hallas xi kumpens;

5. Illi jirrizulta wkoll illi d-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta’ Djar applika u ottjena permess datat 28 ta’ Mejju, 2002

(Numru 2798/2001) mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, biex jibni tnax-il stalla fuq l-imsemmi porzjon art, jew parti minnha;

6. Illi in vista tal-premessi, qeghdin jigu lezi d-drittijiet kostituzzjonali kif ukoll dawk id-drittijiet enuncjati fil-Konvenzjoni Ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu li din l-Qorti sabiex:

tiddikjara illi nuqqas ta' kumpens mill-Kummissarju tal-Artijiet jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet kostituzzjonali ta' l-istess esponenti ai termini ta' Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' Protocol 1 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll Protocol 1 tal-Konvenzjoni Ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;

tipprovdi rimedju ghal tali ksur ta' drittijiet billi tordna illi l-istess Kummissarju ta' l-Artijiet jersaq sabiex jillikwida, u jhallas il-kumpens gust u xieraq ai termini tal-ligi;

tipprovdi rimedju ghal tali ksur ta' drittijiet billi tillikwida d-danni reali u morali dovuti lill-esponenti u tikkundanna lill-Kummissarju intimat bhala awtorita' kompetenti jhallas l-istess danni hekk likwidati;

Bl-ispejjes;

Rat ir-isposta tal-intimat fejn gie sottomess:-

Preliminarjament illi din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors stante li r-rikorrenti kellhom mezzi guridici ohrajn ta' natura ordinarja li setghu jutilizzaw qabel ma jirrikorru ghar-rimedju straordinarju tar-rikors Kostituzzjonali. Fil-fatt, ir-rikorrenti naqsu milli jappellaw mid-decizjoni avversa li inghatat mill-Bord ta' l-Arbitragg ta' l-Artijiet fis-27 ta' Marzu 2006 fil-kawza fl-ismijiet "Avukat Dottor David Tonna pro et noe vs Kummissarju ta' l-Artijiet." Inoltre, anke jekk stess tali appell ma kienx jintlaqa', ir-rikorrenti kellhom u ghad

ghandhom l-opzjoni li jifthu proceduri ordinarji quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fejn jitolbuha tordna lill-esponent jersaq ghax-xiri ta' l-art in kwistjoni u jeffettwa l-pagament dovut, u imbaghad il-kwistjoni tkun tista' tigi deciza mill-istess Qorti;

Illi inoltre ma jissussisti ebda ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea stante li hija biss suppozizzjoni, certament bla ebda bazi, tar-rikorrenti li l-esponent mhux bi hsiebu jikkumpensahom ta' l-art mehuda. Ir-rikorrenti ma jistghux iqanqlu ksur tad-dritt taghhom ghat-tgawdija tal-proprjeta' u jallegaw cahda tal-kumpens dovut meta dawn qatt ma ipprocedew fil-Qrati permezz ta' azzjoni ordinarja ghall-hlas fil-pront tal-kumpens lilhom dovut;

Illi inoltre, minkejja li r-rikorrenti s'issa ghadhom ma rcevewx kumpens ta' l-art mehuda, fil-prattika huma ma sofrew ebda pregudizzju finanzjarju konkret stante li z-zjieda recenti u kontinwa li qeghdin nassistu ghaliha fil-prezzijiet ta' l-art tirrendi l-hlas ta' kumpens f'dawn iz-zminijiet ferm aktar vantaggjuz milli kien fiz-zmien proprju meta ttiehdet l-art. Ghalhekk, l-ewwel talba kontenuta fir-rikors odjern ma tistghax tintlaqa';

Illi inoltre ghar-raguni elaborata fl-eccezzjoni preliminari ta' l-esponent, lanqas it-tieni talba tar-rikorrent ma' tista' tintlaqa', stante li mhix il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi sservi ta' Qorti Civili kwalsiasi;

Illi ghalhekk, ghar-raguni fuq imsemmija, m'hemmx lok ghall-hlas ta' danni lir-rikorrenti stante illi huwa sforz it-traskuragni ta' l-istess rikorrenti li huma ghadhom minghajr il-hlas tal-kumpens involut;

Ghalhekk l-intimat talab li dan ir-rikors jigi respint;

Rat il-verbal tal-20 ta' Ottubru 2005 minn fejn jirrizulta li r-rikorrenti ddikjaraw ghall-finijiet tal-ewwel eccezzjoni tal-intimat li huma ma appellawx id-decizjoni tal-Bord dwar l-Artijiet tas-27 ta' Marzu 2006 u lanqas bdew proceduri

ordinarji fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili dwar il-fatti mertu ta' dan ir-rikors;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-intimat;

Rat l-atti l-ohra rilevanti tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimat;

Rat li l-kawza giet diffeirita ghas-sentenza dwar l-reccezzjoni preliminari tal-intimat;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti huma ko-enfitewti perpetwi ta' porzjon art illi tinsab fi Triq il-Wied, Imsida. B'zewg dikjarazzjonijiet, tal-awtoritajioet kompetenti pubblikati rispettivament fit-8 ta' Ottubru, 1974 u fit-2 ta' Lulju 1975, gie ddikjarat, skond il-ligi, li l-imsemmja bicca art kienet mehtiega ghal skopijiet pubblici. L-intimat sal-gurnata tal-presentata tal-presenti rikors kien ghadu ma harigx l-avviz ta' ftehim skond kif trid il-ligi. Dan ifisser li l-intimat naqas li johrog l-avviz ta' ftehim ghal aktar minn tletin (30) sena wara li giet pubblikata l-ewwel mill-imsemmija dikjarazzjonijiet. Ir-rikorrenti jippretendu li minhabba dan kollu qed jigu jew ghad jistghu jigu lezi d-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti mill-Kostituzzjonali, kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea Ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, li tifforma parti mis-sistema legali tghana (Kapiolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ir-rikorrenti jippremettu ukoll li, minn meta giet pubblikata l-ewwel dikjarazzjoni, il-pussess tal-bicca art in kwestjoni ghadda f'idejn il-Gvern, li sporadikament ghamel usu mill-istess art. Fis-sena 2002 id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar ottjena permess, mill-awtorita' kompetenti, biex jinbnew, fuq l-istess art, tnax il-stalla;

Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitolbu li jigi dikjarat li n-nuqqas ta’ kumpens mill-intimat hu lezjoni tal-imsemmija drittijiet fondamentali u in partikolari ta’ dawk id-drittijiet sanciti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u bil-Protocol 1 ta’ l-Ewwel Skeda tal-imsemmija Konvenzjoni Ewropea. Qed jitolbu ukoll li jinghata lilhom rimedju ghal tali ksur billi l-intimat jigi ordnat jersaq ghall-likwidazzjoni tal-kumpens gust u xieraq u jigi ordnat ihallas tali kumpens. Finalment ir-rikorrenti qed jitolbu ukoll li jinghata kumpens ghal tali ksur billi jigu likwidati d-danni reali u morali sofferti minnhom u li l-intimat jigi kundannat ihallas l-istess danni hekk likwidati;

L-intimat, fost eccezzjonijiet ohra, qed jeccepixxi preliminarjament illi din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dan ir-rikors stante li r-rikorrenti kellhom mezzi guridici ohrajn ordinarji li setghu jutilizzaw qabel ma rrikorrew ghar-rimedju straordinarju tar-rikors kostituzzjonali. L-intimat jispecifika li r-rikorrenti naqsu milli jappellaw minn decizjoni avversa tal-Bord ta’ l-Arbitragg ta’ l-Artijiet tas-27 ta’ Marzu 2006 fil-kawza fl-ismijiet “Avukat Dottor David Tonna pro et noe vs Kummissarju ta’ l-Artijiet.” Inoltre r-rikorrenti kellhom u ghad ghandhom il-possibilita’ li jagixxu quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili kontra l-intimat sabiex l-istess intimat jersaq ghax-xiri ta’ l-art in kwistjoni u jeffettwa l-pagament dovut;

Bil-presenti qed tigi deciza biss din l-eccezzjoni;

Fil-kors ta’ dawn il-proceduri, kif gia gie rilevat, ir-rikorrenti ddikjaraw li hu minnu li huma ma appellawx l-imsemmija decizjoni tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet tas-27 ta’ Marzu 2006. Lanqas ma intavolaw l-ebda procedura ordinarja ohra quddiem il-Qorti kompetenti. Fir-rikors li r-rikorrenti ippresentaw quddiem il-Bord tal-Artijiet u li wassal ghall-imsemmija sentenza tas-27 ta’ Marzu 2006, huma talbu, fost affarijiet ohra, li l-imsemmi Bord jordna li l-art in kwistjoni tinxtara jew tigi akkwistata b’dominju pubbliku b’kumpens li jigi ffissat skond il-provedimenti rilevanti tal-ligi. L-imsemmi Bord korretterment iddecieda billi ddikjara ruhu inkompetenti li jiehu konjizzjoni tar-rikors

u b’hekk l-intimat Kummissarju tal-Artijiet gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Bil-presenti proceduri ir-rikorrenti qed jittantaw jivvendikaw favur taghhom drittijiet fundamentali taghhom kif sanciti mill-ligi b’mod partikolari t-tgawdija ta’ proprjeta’, li huma jsostnu li giet lilhom michuda ghal zmien twil u f’liema zmien huma ma kellhomx access ghall-Bord kompetententi. Ir-rikorrenti jilmentaw li aktar minn tletin (30) sena li giet pubblikata l-ewwel dikjarazzjoni tal-awtorita’ kompetenti li l-art in kwestjoni kirenet mehtiega ghal skopijiet pubblici, l-intimat ghadu ma harigx l-avviz ta’ ftehim, liema avviz hu necessarju sabiex iwassal sabiex jigi stsabbilit il-kumpens gust. Jidher li l-intimat gie interpellat, anke ufficjalment, biex johrog dan l-avviz, izda inutilment;

Fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom ir-roikorrenti jsostnu li huma sofrew ukoll diskriminazzjoni kontra taghhom u dana stante li porzjon iehor ta’ art adjacenti ghall-porzjon ta’ art in kwestjoni, appartenenti lill terzi, giet ukoll esproprjata, u, f’dan il-kaz l-iehor, f’qasir zmien inhareg avviz ghal ftehim;

Hu minnu li din il-Qorti tista tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dan ir-rikors jekk jirrizulta li r-rikorrenti setghu jirrikorru ghal proceduri ohrajn quddiem il-qrati ordinarji qabel ma jitolbu rimedju straordinarju lill din il-Qorti fil-kompetenza taghha kostituzzjonali. Difattti l-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi testwalment – “Izda l-Qorti (Prim’Awla tal-Qorti Civili – Sede Kostituzzjonali) tista, jekk tqis li jkun desiderabbli hekk taghmel, tirifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-sub-artikolu f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghal ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond il-ligi.” It-termini li tuza l-ligi zgur li ma jaghmluhix tassattiva li l-Qorti tirrifjuta li tesercita s-setghat taghha mghotija bl-imsemmmi artikolu 46(2) kull meta jirrizultalha li kien hemm jew ghad hemm il-possibilita ta’ proceduri ordinarji a disposizzjoni tar-rikorrenti. Ghalhekk anke jekk effettivament jirrizulta li kien hemm jew ghad hemm ghad-disposizzjoni tar-rikorrenti mezzi ordinarji li

huma xierqa u effikaci, l-Qorti tista, xorta wahda, tiddeciedi li tesamina u tiddeciedi dwar l-ilmenti tar-rikorrenti;

Ghalhekk, skond dawn il-provedimenti, sabiex il-Qorti tirrifjuta li tisma l-kaz, ghandu jirrizultalha, fl-ewwel lok, li kien hemm jew ghad hemm ghad-disposizzjoni tar-rikorrenti proceduri ordinarji effikaci li bihom l-ilmenti tieghu jistghu jigu rimedjati, u fit-tieni lok irid jigi dikjart li l-Qorti jidrilha li hu desiderabbli li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rikors;

Fl-opinjoni tal-Qorti dan kollu ifisser li f’kazijiet eccezzjonali biss il-Qorti ghandha tirrifjuta li tesercita s-setghat taghha kif mghotija mill-imsemmija provedimenti tal-ligi. F’dawn il-kazijiet il-Qorti jkollha quddiema lanjanzi ta’ certa importanza u cioe li gew lesi xi drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanciti fl-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni Ewropea. Dan kollu ghandu jgieghel il-Qorti li tkun kawta hafna fid-decizjoni taghha li tirrufjuta li tisma xi rikors kostituzzjonali. Fi kwalunkwe kaz dan il-“proviso” zgur li ma ghandux jitqies strument sabiex persuna tigi impeduta milli tippromovi azzjonijiet kostituzzjonali b’mod partikolari meta jkun jidher li l-istess persuna tkun qed tghamel azzjoni fejn qed tallega ksur serju tad-drittijiet fondamentali taghha;

L-intimat isostni li r-rikorrenti naqsu milli jappellaw l-imsemmija decizjoni tal-Bord ta’ l-Arbitragg ta’ l-Artijiet tas-27 ta’ Marzu 2006. Dan hu minnu. Hu minnu ukoll pero’ li appell mill-imsemmija decizjoni kien ikun inutili, stante li l-Bord fl-imsemmija decizjoni tieghu kien korrett. L-imsemmi Bord zgur li mhux kompetenti li jordna li l-art in kwistjoni tinxtara jew tigi akkwistata b’dominju pubbliku b’kumpens li jigi ffissat skond il-provedimenti rilevanti tal-ligi. Il-Bord hu kompetenti li jiffissa l-kumpens xieraq u li jordna li jigi pubblikat il-kuntratt relattiv. Inoltre dak iz-zmien, il-Kummissarju tal-Artijiet biss setgha jadixxi l-istess Bord sabiex jigi stabbilit l-kumpens gust u dan wara li tkun inharget in-“notice to treat” u wara li l-persuna li tkun issubiet l-esproprju tkun irrifjutat l-kumpens offert mill-istess Kummissarju tal-Artijiet;

Inoltre l-intimat isostni ukoll li r-rikorrenti kellhom u ghad ghandhom l-opzjoni li jifthu proceduri ordinarji quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili kontra tieghu sabiex jigi ffissat terminu li fih l-istess intimat ghandu johrog in-“notice to treat” u li fih ghandhom jinbdew l-imsemmija proceduri sabiex finalment jigi ffissat il-kumpens gust u li ukoll jigi pubblikat l-att notarili relattiv. Il-presenti proceduri jmorru oltre s-semplici fissazzjoni ta’ terminu. In effett, jigi ukoll rilevat li din il-Qorti, kif presjeduta, kellha okkazzjoni li tittratta kazijiet fejn l-intimat inghata terminu mill-qorti kompetenti biex johrog l-avviz tal-ftehim u sabiex jadixxi il-Bord kompetenti, pero’ tali ordni nghatat inutilment, peress li l-intimat xorta baqa ma pprocedix bl-imsemmija proceduri;

Il-presenti proceduri jmorru oltre ukoll li r-rikorrenti effettivament jintavolaw il-proceduri necessarji u rilevanti quddiem il-Bord kompetenti, issa li l-ligi tatihom dan id-dritt. Hawnhekk ir-rikorrenti qed isostnu li l-fatt per se, li l-intimat naqas li johrog l-avviz ta’ ftehim ghal zmien twil, hu lesiv ta’ varji drittijiet fudamentali taghhom li huma protetti mhux biss mill-Kostituzzjoni izda ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea. Il-lezjonijiet in kwestjoni jistghu facilment jigu definiti bhala gravi u li jimmeritaw li jigu approfonditi;

F’dan ir-rigward L-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagha tat-28 ta’ Dicembru, 2001 fl-ismijiet “Pawlu Cachia vs Avukat Generali et” sostniet - “Zgur li l-Ordinanza qatt ma kienet mahsuba biex tigi mehuda art meta l-iskop pubbliku ma jkunx jirrizulta stabbilit, u wisq anqas kien mahsub illi l-Gvern jiehu l-art, jutilizzaha ghal ghexieren ta’ snin u xi darba jhallas il-kumpens.”. Dan hu wiehed mill-principju lighandhom jigu approfonditi in relazzjoni tal-presenti poceduri;

Ghalhekk hawnhekk la jirrizulta li verament ir-rikorrenti kellhom ghad-disposizzjoni taghhom mezzi ohra ordinarji xierqa, certi, effikaci u effettivi izda lanqas ma jirrizulta li hu “desiderabbli” li din il-Qorti tirrifjuta li tesercita l-poteri mghotiha lilha mill-istess Kostituzzjoni;

Ghal dak li jirrigwarda s-sottomissjonijiet tal-intimat fin-nota tieghu jinghad li l-"backlog" ta' kazijiet li ghandu l-intimat ma jbiddel xejn u zgur li ma jiggustifax li l-istess intimat jonqos li johrog in-notice to treat ghal ghexiren ta' snin. It-talbiet tar-rikorrenti fl-presenti proceduri semmai jigu decizi fi stadju ulterjuri. Pero' l-istess talbiet per se jew talba wahda minnhom, ma jistghux iwasslu li din il-Qorti tadotta l-provedimenti tal-proviso in kwestjoni u b'hekk tiddeklina li tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza. Jekk dawn il-proceduri kellhomx lokhom jew le m'ghandu x'jaqsam xejn ma l-eccezzjoni preliminari li qed tigi deciza bil-presenti sentenza;

Il-lanjanzi tar-rikorrenti ma jirrigwardax il-ligi per se li tirregola l-materja in kwestjoni. Il-lanjanzi jirreferu ghall-agir tal-intimat fil-fatti li wasslughal dawn il-proceduri. Inoltre hu car li t-talbiet tar-rikorrenti jirreferu ghall-ghoti ta' rimedju xieraq ghar-rigward tal-istess agir tal-intimat. Lanqas ma hu rilevanti li ghal snin shah ir-rikorrenti ma ghamlu l-ebda azzjoni. Principalment hu d-dmir tal-intimat li johrog l-avviz ghal ftehim u ghal periodu twil kien l-intimat biss li seta jipprocedi quddiem il-Bord kompetenti biex jigi ffissat il-kumpens gust. Hu biss l-istess Bord li ghandu l-kompetenza li jiffissa dan il-kumpens gust. Il-qrati civili ordinarji kienu u huma kompetenti biss biex jiffissaw terminu lill-intimat li fih huwa ghandu johrog l-avviz ghal ftehim u biex, jekk ikun il-kaz, jibda proceduri quddiem il-Bord kompetenti liema proceduri jwasslu ghal determinazzjoni tal-kumpens gust. Huma ukoll kompetenti li jordnaw il-hlas tal-kumpens meta ikun hemm ftehim bejn il-partijiet dwar il-quantum tal-istess kumpens;

Fid-dawl tal-premess ma jirrizulta xejn abusiv jew irregolari f'dawn il-proceduri ghar-rigward tal-proviso invokat mill-intimat u konsegwentement l-eccezzjoni preliminari timmerita li tigi rigettata;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u tiddifferixxi r-rikors ghal-provi kollha tal-partijiet ghas-seduta tal-24 ta' Novembru fid-9.00 am;

Spejjez riservati ghal gudizzju finali;

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------